# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Ġunju, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 225/2019 TA**

**Sharon Farruġia (ID:0290079M)**

**vs**
**L-Avukat tal-Istat u b'digriet tal-24 ta' Frar 2020 ġie kjamat fil-kawża Isslam Tawfik Issa Issa.**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ta' Sharon Farruġia (ir-rikorrenti) tad-19 ta' Novembru 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

> **1.** Illi l-esponenti sfat vittma ta' atti vjolenti, inkluż segwiment ta' persuna, kommessi mill-ex partner tagħha Isslam Tawfik Issa Issa, liema atti ġew irraportati lill-pulizija, u fil-25 ta' Settembru 2019, ġie arrestat u akkużat, fost affarijiet oħra, li għamel rapporti foloz fil-konfront tagħha, li uża vjolenza psikoloġika, morali, u segwa l-passi tagħha tant li ħoloq biża fiha u fil-familjari tagħha u li anke kiser l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja):
>
> **2.** Illi nhar it-8 ta' Novembru 2019, l-ex partner tagħha Isslam Tawfik Issa Issa ġie meħlus mill-arrest preventiv b'sentenza tal-Qorti Kriminali;

**3.** Illi la l-esponenti u lanqas l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Elton Taliana ma' ġew informati illi l-akkużat Isslam Tawfik Issa Issa reġa talab għall-ħelsien mill-arrest quddiem il-Qorti Kriminali, u wisq anqas li dan ir-rikors ġie appuntat għas-smiegħ quddiem l-Imħallef Consuelo Scerri Herrerra. In oltre, kif ben osservat mill-qorti tal-appell kriminali, l-Avukat Generali naqas milli jressaq prova u raġuni valida sabiex d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti Istruttorja) tiġi kkonfermata.

**4**. Illi l-Avukat Ġenerali naqas serjament milli jagħmel xogħolu tant li l-esponenti u uliedha jinsabu f'sitwazzjoni fejn ikollhom jerġaw jgħixu f'biża' kontinwa;

**5.** Illi l-esponenti għalhekk tinstab ferm aggravata b'din id-deċiżjoni, u dan għas-segwenti ragunijiet:

a. Hija fl-ebda ħin ma ġiet infurmata illi kien hemm talba għall-ħelsien mill-arrest tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali.

b. Hija ma ngħatatx l-opportunità sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha quddiem il-Qorti Kriminali minkejja li għandha locus standi għat-talba għall-ħelsien mill-arrest tal-akkużat ai termini tal-Artikolu 574A(4) tal-Kap 9:

c. Hija lanqas ma ġiet infurmata li nhar it-8 ta' Novembru 2019, huwa ingħata l-ħelsien mill-arrest mill-Qorti Kriminali; iżda saret taf nhar il-11 ta' Novembru 2019 wara li l-Uffiċjal Prosekutur ċempel lill-esponenti sabiex jinforma li kien għadu kif ġie nfurmat li l-akkużat m'għadux taħt arrest preventiv għax mar jiffirma l-bail book ġewwa l-Għassa ta Birkirkara;

d. Hija lanqas m'għandha serħan tal-moħħ u mhux qed tħossha sigura illi l-akkużat mhux ser javvicina lilha o lill-membri tal-familja tagħha, u dan għaliex Malta għad m' għandniex sistema ta' rintrace elettroniku;

**6.** Illi l-esponenti ilha tirresjedi ġewwa xelter Dar Merħba Bik flimkien mat-tlett uliedha minuri mill-11 ta' Gunju 2019, u dan minħabba l-aġir u l-biża' reali li hija għandha mill-ex partner tagħha Isslam Tawfik Issa Issa. Illi anke meta hija kienet ġewwa x-xelter, l-akkużat kien kompla jagħmel diversi tentattivi sabiex jagrediha u jivvessaha tant li bejn il-11 ta' Gunju 2019 u l-25 ta' Settembru 2019 għamlet diversi rapporti mal-pulizija flimkien mal-familjari tagħha u anke l-ex raġel tagħha Christopher Vassallo, dwar theddid u prosegwiment tal-passi tagħhom fost affarijiet oħra:

**7.** IIIi nhar it-18 ta' Lulju 2019, il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), kienet ħarġet Ordni ta' Protezzjoni favur tagħha, ta' uliedha minuri u l-familjari tagħha, iżda minkejja dan, l-akkużat xorta waħda baqa' jippersegwita lilha u lill-membri tal-familja tagħha, inkluż lill-ex raġel tagħha Christopher Vassallo;

**8.** Illi hija kienet kemm-il darba nformat lill-pulizija dwar dan kollu: iżda ma ttieħdetx azzjoni immedjata u effettiva; u kien ġie arrestat nhar il-25 ta' Settembru 2019 wara li l-akkużat iffastidja lill-ex raġel tagħha u lill-uliedhom minuri, u informa lill-eks raġel tagħha kif se joqtol lill-exponenti;

**9.** Illi appena l-esponenti ġiet infurmata dwar l-ħelsien mill-arrest tal-imputat tagħha dan reġa qanqal biża' reali illi huwa ser iweġġagħha serjament u li anke jasal joqtolha, hekk kif wegħda li jagħmel fil-passat.

**10.** Illi hija tħossha ferm aggravata illi sew l-Avukat Generali kif ukoll il-Qorti Kriminali naqsu milli jinfurmawha dwar it-talba tal-imputat u l-appuntament tas-smiegħ; u kif ukoll li serjament jikkunsidraw l-aġir ossessiv u perikoluż tal-imputat fil-konfront tagħha u li huwa, minkejja kien hemm Ordni ta' Protezzjoni maħruġa mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), l-imputat xorta waħda baqa' jsegwi l-movimenti tagħha u jheddidha;

**11.** Illi di più, li kieku l-esponenti u l-Uffiċjal Prosekutur kellhom l-opportunità jressqu l-provi tagħhom, kien jirriżulta ukoll illi preżentement l-esponenti qiegħda tirrisjedi fl-istess lokalità bhal l-akkużat u ċjoe ġewwa Hal-Balzan;

**12.** Illi l-esponenti u l-familjari tagħha, partikularment uliedha, qed jgħixu f'biża' kontinwa tant illi dan qed ikun ta' detriment għal saħħithom, kemm fiżikament kif ukoll psikoloġikament; tant illi l-esponenti spiċċat taħt il-kura tal-psikjatra u anke qed tibża' toħroġ mix-xelter fejn ilhom hemm għal dawn l-aħħar ħames (5) xhur;

**13.** Illi fl-umili fehma tal-esponenti dan jikkostitwixxi nuqqas serju fl-obbligazzjonijiet pożittivi tal-konvenut fil-qadi ta' dmirijiethom, partikolarment is-salvagwardja tas-sigurtà, id-dinjità u l-privatezza tal-esponenti u l-familjari tagħha. Konsegwentement, l-aġir tal-konvenut jammonta għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti, u dan anke in vista tar-raġunijiet segwenti:

a. Illi n-nuqqas assolut ta' protezzjoni u nfurzar tal-liġi u tal-Ordnijiet tal-Qrati ta' Malta da parti tal-konvenut jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti:

b. Illi n-nuqqas ta' locus standi sabiex tressaq il-provi u s-sottomissjonijiet tagħha It-talba għall-ħelsien mill-arrest f'kull stadju tal-proċeduri kriminali, inkluż dak tal-qorti Kriminali jew tal-qrati tal-appell, jammonta għall-ksur tad-dritt tagħha għal smiegħ xieraq;

c. Illi dan qed ikollu impatt fuq il-ħajja privata tal-esponenti, tat-tlett uliedha minuri Faith Vassallo, Adriel Vassallo u Hannah Issa, u l-membri tal-familjari tagħha:

d. IIIi n-nuqqas ta' rimedji effettivi qed ikollu impatt serju a gravi fuq ħajjitha u ħajjiet it-tlett uliedha minuri Faith Vassallo, Adriel Vassallo u Hannah Issa, u l-membri tal-familjari tagħha:

**14.** Illi, fil-kumpless ta' dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jirriżulta ksur lampanti tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti, hekk kif ikkontemplati fl-Artikolu 32 magħdud mal-artikoli 36, 39 u 44 tal-Kostituzzjoni Malta, l-Artikolu l-magħdud mal-artikoli 3, 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Artikolu 18 tal-Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Glieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika:

Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett sabiex dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

**1.** Tiddikjara u tiddeċiedi illi n-nuqqas ta' azzjoni immedjata u effettiva da parti tal-intimati kif hawn fuq premess tammonta għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti taħt l-Artikoli 36, 39, u 44 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; l-Artikoli 3,6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem;

**2.** Tagħti dawk ir-rimedji u direttivi opportuni sabiex id-drittijiet tal-esponenti u tal-membri familjari tagħha jiġu salvagwardjati fis-sens premess u tikkundanna lill-intimati sabiex iwettqu tali rimedji fi żmien qasir u perentorju:

**3.** Tillikwida kumpens in lineja ta' danni non-pekunjarji sofferti mill-esponenti b'konsegwenza tal-leżjoni tad-drittijiet fondamentali tagħha kif premess u tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu l-istess fi żmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali (L-intimat Avukat) tad-9 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu wieġeb is-segwenti:

1. Illi fil-qasir il-lanjanzi tar-rikorrenti ġejjien minn dak li qiegħed jiġri fil-kawża kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Isslam Tawfik Issa Issa li tinsab quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Bħala Qorti Istruttorja) fi fiha r-rikorrent hija *parte civile* L-ilment tar-rikorrenti huwa li fl-istess proċeduri kriminali hemm lezjoni tal-jedd tagħha għal-smigħ xieraq u li l-aġir tal-awtoritajiet senjatament tal-esponent Avukat Generali u tal-Qorti Kriminali wassal sabiex ġew vjolati id-drittijiet fundamentali tal-istess rikorrenti kif protetti bl-artikoli 32, 36, 39 u 44 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u bl-artikoli 3, 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll bl-artikolu 18 tal-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Glieda kontra l-Vjolenza fuq in-nisa.

2. Illi l-esponenti jirrespinġu dawn l-allegazzjonijiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li, kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda aġir ta' l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti anzi l-Awtoritajiet imxew b`reqqa ma' dak li tistipula l-liġi.

3. Illi l-esponenti jeċepixxu li l-Artikolu 32 ma jistax jiġi applikat bil-mod kif eċepixxiet ir-rikorrenti u fil-kawża odjerna ma jistax jinsab ksur tiegħu stante li dan huwa biss introduzzjoni għal-lista ta' Drittijiet Umani u ma jistax jiġi nvokat bil-mod kif għamel ir-rikorrenti. Dan jidher ċar mill-Kostituzzjoni nfisha billi fl-Artikolu 46(1), l-Artikolu 32 huwa eskluż u huma msemmija biss l-Artikoli 33 sa 45.

   Illi allura jidher ċar li persuna li tħoss li inkisrilha jew se jinkisrilha xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tagħha tista' tiftaħ kawża quddiem din l-Onorabbli Qorti hekk kif provdut mill-Artikolu 46(1) u din il-kawża tista tibbażaha fuq wieħed jew aktar mill-Artikoli 33 sa 45 (33 u 45 inklużi) tal-Kostituzzjoni u fuq l-ebda artikolu ieħor.

Għalhekk it-talba tar-rikorrent għal dikjarazzjoni ta' leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu a bażi ta' dan l-Artikolu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

4. Illi l-esponent jirrilleva li r-rikorrenti qiegħda tilmenta minn nuqqas ta` smigħ xieraq fil-kawża kriminali in kwistjoni meta b`din l-istess kawża ma hemm l-ebda dritt ċivili jew obbligu li jrid jiġi deċiż u wisq inqas r-rikorrenti ma hi qed tiġi mixlija li wettqet reat kriminali. Għalhekk l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jistgħux jiġu invokati mir-rikorrent.

Ir-rikorrenti ġiet ammessa bħala *parte civile* fil-kawża peress li hija l-vittma ta` din l-allegata vjolenza u ovvjament għandha kull interess isegwi l-eżitu tagħha. Pero` fil-proċediment imsemmi, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja mhijiex mitluba tiddetermina dwar l-eżistenza jew estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili tar-rikorrenti u lanqas dwar il-ħtija tagħha. Li trid tiddetermina l-Qorti tal-Maġistrati huwa dwar jekk l-akkużat Isslam Tawfik Issa Issa huwiex ħati tal-akkużi miġjuba kontrih. F`dawn il-proċeduri kriminali r-rikorrenti hija ix-xhud ewlenija tal-prosekuzzjoni pero` l-fatt waħdu li l-*parte civile* għandha interess fil-proċeduri kriminali ma jfissirx illi l-proċeduri jikkonċernaw id-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili tagħha. L-iskop u l-funzjoni tal-proċeduri kriminali mhuwiex li jiddeterminaw id-drittijiet ċivili tar-rikorrent, iżda li jikkastiga lill-akkużat jekk jirriżulta skond il-liġi li hu ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Fil-fatt jekk għal grazzja tal-argument, l-akkużat jiġi liberat mill-akkużi miġjuba kontrih dan ikun ifisser biss li f`dawk il-proċeduri kriminali l-akkużi ma ġewx pruvati sal-grad tal-konvinċiment morali rikjest fi proċess penali iżda dan il-fatt waħdu ma jiddetermina u ma jippreġudika xejn fuq id-dritt ċivili tar-rikorrent li tagħmel kawża ċivili għad-danni li hija setgħet ġarrbet. Huwa prinċipju basilari li kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili li huma separati u distinti minn xulxin u li azzjoni ċivili issir fil-qrati ta` ġurisdizzjoni ċivili fejn jintalab il-ħlas tal-ħsara li ssir bir-reat - **Artikolu 3 tal-Kodiċi Kriminali**.

Illi għalhekk l-esponent itenni li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma japplikawx għar-rikorrent fl-ambitu tal-kawża *Il-Pulizija vs. Isslam Tawfik Issa Issa.*

5. Illi dwar l-ilment li jirrigwarda nuqqas ta` notifika u informazzjoni dwar it-talba għal-ħelsien mill-arrest tal-akkużat u lanqas tas-seduta tas-smigħ quddiem il-Qorti Kriminali tat- 8 ta` Novembru 2019 jingħad li l-esponent Avukat Generali mhuwix il-leġittimu kontradditur u din l-kwistjoni kellha tiġi indirizzata semmai lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali (Kriminali).

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespsot, dwar l-allegat nuqqas ta` smigħ xieraq minħabba li r-rikorrenti ma ġietx notifikata bit-talba għal-

ħelsien mill-arrest tal-akkużat Issa Issa u tal-appuntament għas-smigħ tar-rikors mill-Qorti Kriminali jingħad li din l-kwistjoni hija indipendenti mir-rwol li għandu l-esponent f`dik il-kawża. Dan qed jingħad għaliex l-esponent Avukat Generali m`huwiex obbligat li jinforma jew jinnotifika lill-*parte civile* dwar l-atti li jiġu ppreżenati f`kawża kriminali u lanqas għandu kontroll fuq il-Qorti Kriminali dwar dan kollu. Li hu żgur hu li l-Avukat Generali mexa *verbatim* skont dak li tgħid il-liġi senjatament skont l-artikoli 575 *et sequitur* tal-Kap 9 fejn interessanti jiġi innutat li l-esponent lanqas huwa obbligat li jinnotifika lill-akkużat birrisposta għal-rikors dwar ħelsien mill-arrest u ċertament lanqas lill-*parte civile*. Pero` kif diġa ingħad l-esponent m`għandu l-ebda kontroll dwar kwistjonijiet ta` notifiki tal-atti tal-kawżi kriminali.

7. Illi l-artikolu 574A(4) tal-Kap 9 invokat mir-rikorrenti m`huwiex applikabbli għal dan il-każ għaliex dak l-artikolu jirrigwarda stadju differenti ta meta l-akkużat jitlob għal-ħelsien mill-arrest malli jitressaq il-Qorti l-ewwel darba mal-preżentata mixli li wettaq reat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Fil-każ odjern it-talba għal-ħelsien mill-arrest saret ai termini tal-artikolu 575 *et seq* tal-Kap 9 fejn il-parte civile m`hijiex tenuta tagħmel sottomissjonjiet dwar il-ħelsien mill-arrest.

8. Illi fi kwalunkwe każ ir-rikorrent ma tistgħax tuża kawża kostituzzjonali bħala forma ta` appell mid-digrieti u mid-deċizjonijiet li jingħataw minn Qrati ordinarji. Huwa evidenti li r-rikorrent intavolat din il-kawża kostituzzjonali għaliex mhijiex kuntenta bil-fatt li l-Qorti Kriminali kkonċediet l-ħelsien mill-arrest lill-akkużat Issa Issa pero` ma tistgħax tuża dawn il-proċeduri kostituzzjonali biex b`xi mod jiġi deċiż jekk id-deċiżjonijiet ta` Qrati ordinarji kienux tajbin jew le.

9. Illi r-rikorrent qed tgħid l-Avukat Generali naqas milli jagħmel xogħolu u dan għax il-Qorti Kriminali ma kkonfermatx l-arrest tal-akkużat Issa Issa. Dwar dan jingħad li r-rikorrenti ma tgħidx x`kienet se tagħmel differenti jew aħjar li kieku tħalliet tagħmel sottomisjonijiet dwar il-ħelsien mill-arrest tal-akkużat quddiem il-Qorti Kriminali pero` l-esponent Avukat Generali għamel xogħolu skont il-liġi u jekk il-Qorti Kriminali dehrilha li l-akkużat Issa Issa kellu jingħata l-ħelsien mill-arrest anke din hija xi haġa li tmur lil hinn mir-rwolu x-xogħol tal-esponent.

10. Illi r-rikorrent qiegħda tilmenta ukoll li n-nuqqas ta` azzjoni tal-awtoritajiet jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti fil-konfront tagħha.

Illi l-esponent jirrilevaw li dan huwa ilment assurd jekk mhux malafamanti.

Tajjeb li wieħed ifakkar li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea ta’ Strasbourg, “inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering”. It-trattament jitqies inuman meta jkun maħsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaġuna “intense physical and mental suffering” – każ “Tekin v. Turkey”, deciz fid-9 ta’ Ġunju, 1998. Għar-rigward ta’ trattament degredanti dan jitqies li jirreferi għal dak

it-trattament li jgiegħel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fiżika u morali tal-vittma jew li jgiegħel lill-vittma li taġixxi kontra l-volonta` tagħha. It-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita` li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu.

Illi l-protezzjoni għad-drittijiet fundamentali hija kontra trattament fost affarijiet oħra premeditat, li jikkawża tbatija fiżika u mentali, u trattament intenzjonat u apposta li joħloq biża, twerwir, angoxxa ecc bil-għan speċifiku li jumilja u jiddegrada lid-dinjita' tal-persuna.

Illi fid-dawl ta' dan QATT ma jista' jinstab minn din l-Onorabbli Qorti li fil-każ odjern sar xi aġir li jista' jitqies li jammonta għal dan it-tip ta' trattament u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'għandiex issib ksur ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Illi jekk akkużat jingħatax il-ħelsien mill-arrest jew le hija kwistjoni li hija fdata f`idejn min għandu jiġġudika u ċioe` l-Qrati penali. Wara kollox anke l-akkużat għandu l-jeddijiet fundamentali tiegħu inkluż il-preżunzjoni tal-innocenza u li jitlob għal-ħelsien mill-arrest permezz ta` rikorsi quddiem il-Qrati ta` kompetenza penali.

Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

11. L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid is-segwenti:

*(1)Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*(2)Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f 'soċjeta demokratika fl-interessi tas-sigurta nazzjonali, sigurta pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."*

Fis-sentenza tagħha tal-4 ta` Diċembru 2007 fil-kawża **Dickson vs UK** il-Qorti Ewropeja qalet hekk – *The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities*. Għalhekk l-indħil mill-awtorita` pubblika għandu jkun fil-każi speċifikament kontemplati fit-tieni paragrafu ta` l-Art.8 (ara d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja tal-24 ta` Settembru 2007 fil-kawża "Tysiac vs Poland"). Fil-kuntest tal-Art.8 dak li jrid jiġi stabbilit huwa jekk tkunx teżisti ħajja familjari li ħaqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx ġustifikata (ara "Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et" - PAK/GV - 4 ta` Ottubu 2004).

Illi f`dan il-każ ma kien hemm l-ebda indħil mil-awtoritajiet rigward id-dritt tar-rikorrent għal-ħajja privata u tal-familja u għalhekk huwa inspjegabbli kif ir-rikorrenti qed tinvoka dan l-artikolu. Jekk ir-rikorrenti evidentement għandha problemi personali ma` Isslam Tawfik Issa Issa li qed iwasslu għal-indħil minn naħa tiegħu fil-ħajja familjari tagħha dan ma jfissirx li ta` dan huwa responsabbli l-Istat. F`dan il-każ l-awtoritajiet għamlu u qed jagħmlu minn kollox sabiex tiġi mħarsa il-ħajja familjari u privata tar-rikorrenti bl-għodda li tipprovdi l-liġi.

Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

12. Dwar l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 18 tal-Konvenzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa jingħad li l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni jirrigwarda d-dritt għal-liberta` ta` movement pero` r-rikorrent tonqos milli tgħid kif allegatament anke dan id-dritt gie vjolat. L-esponent jisħqu li r-rikorrenti m`għandha l-ebda restrizzjoni għad-dritt tal-liberta` ta` movement u għalhekk m`hemm l-ebda ksur tal-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni.

Illi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi għal rimedju effettiv jekk jinstab li ġie vjolat xi dritt fundamentali. F`dan il-każ l-esponenti jisħqu li ma ġie miksur l-ebda dritt tar-rikorrenti u għaldaqstant m`għandha tingħata ebda rimedju.

Illi l-artikolu 18 tal-Konvenzjoni ta` Istanbul huwa inapplikabli għal każ odjern u fi kwalunkwe każ l-Istat Malti qed jieħu dawk l-inizjattivi leġislattivi neċessarji sabiex tkompli tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika.

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Frar 2020 li permezz tiegħu Isslam Tawfik Issa Issa ġie kjamat fil-Kawża u li permezz ta' risposta tal-10 ta' Awwissu 2020 wieġeb hekk:

**1.** Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u huma ntiżi biss biex jiskurawh mal-pulizija u mal-qrati.

**2.** Illi l-esponent kellu relazzjoni amoruza mar-rikorrenti u minn dina r-relazzjoni twieldet Hannah Isa.

**3.** Illi l-kontendenti kien ilhom jgħixu flimkien għal diversi snin u dina r-relazzjoni llum spiċċat u t-tnejn qegħdin jgħixu għal rashom.

**4.** Illi wara li dina r-relazzjoni spiċċat, r-rikorrenti bdiet ċċaħħad lill-esponent milli jara lill bintu, u rat kif għamlet sabiex tikkalunjaħ u tħammġu mal-pulizija u mal-Qrati, b'diversi allegazzjonijiet serju ta' fastidju fuqha u kif ukoll fastidju sesswali fuq bintha l-kbira li hija għandha minn żewġha.

**5.** Illi qatt ma kien hemm passat ta' vjolenza da parti tal-esponent u de fronte tal-intimata u għalhekk kwalsiasi rapport li hija għamlet mal-pulizija kien intiż biss biex jċaħħad lill-esponent milli jara u jkollu aċċess għal bintu minuri li huwa għandu mir-rikorrenti.

**6.** Illi r-rikorrenti issa ilha żmien tgħix hija u wliedha fid-Dar Merħba Bik' u dana bl- iskuża li qed tibża li l-esponent jerġa' jagħtiha fastidju. L-esponent jissuspetta ukoll li dan kollu qed tagħmlu sabiex tiffranka li tmur u tikri fejn tgħix ma' wlieda peress li ma taħdimx u tgħix bl-għajnuna soċjali.

**7.** Illi fil-fatt dan ma huwa minnu xejn u kull darba li huwa avviċina lir-rikorrenti kien unikament intiż biss sabiex jitlobha tħallieħ jara lil bintu u jkollu ukoll aċċess għaliha bħala missier.

**8.** Illi l-allegazzjonijiet kollha msemmija fir-rikors promotur huma biss intiżi li joħolqu messanxena sabiex jagħtu stampa falza tal-esponent u b'hekk jkun mċaħħad milli jara lil bintu.

**9.** Illi fil-verita l-esponent ilu ma jara lil bintu għal aktar minn sena u kull meta sar tentativ anke fil-Qorti sabiex dan l-aċċess għall-minuri jkun faċilitat, ir-rikorrenti rat kif għamlet sabiex ittawwal il-proċeduri b' ħafna allegazzjonijiet inveritjeri sabiex tostakula dan il-aċċess.

**10.** Illi l-esponent issa ilu diversi xhur li ngħata l-ħelsien mill-arrest pendent proċeduri li hemm fil-kontront tiegħu rigward dawn l-allegazzjonijiet ta' fastidju, u matul dan il- perjodu sallum l-esponent qatt ma reġa avviċina lir-rikorrenti jew membri oħra tal- familja tagħha.

**11.** Illi għalhekk l-allegazzjoni li l-ħelsien mill-arrest reġa qanqal biża reali li huwa ser jweġġagħha serjament u anke jasal joqtolha hija nfondata u bla bażi.

**12.** Illi għalhekk il-pretensjionijiet tar-rikorrenti għandhom jkunu respinti kontra tagħha bl-ispejjeż.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċeduri.

Semgħet ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet presentati minn uħud mil-partijiet.

Rat li r-rikors li tħalla għall-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti:**

Ir-rikorrenti kienet għamlet rapport lill-Pulizija kontra l-intimat Tawfik minħabba diversi rejati fil-konfront tagħha fost oħrajn insegwiment tal-persuna. B'konsegwenza ta' hekk l-intimat Tawfik fil-25 ta' Settembru 2019 tressaq b'arrest u akkużat b'diversi rejati. Ir-rikorrenti kienet ukoll ottentiet Ordni Ta' protezzjoni mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Fost l-akkużi msemmija kien hemm dik li kiser din l-ordni.

Fit-8 ta' Novembru 2019, l-intimat Tawfik ġie mogħti il-ħelsien mill-arrest mill-Qorti Kriminali. Ir-rikorrenti li kienet ikkostitwit lilha nnfisha bħala parti civile f'dawn il-proċeduri ma kienet taf b'xejn. La ġiet notifikata bir-rikors għall-ħelsien mill-arrest u lanqas ingħatat opportunita' tixhed jew tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha. Ir-rikorrenti għalhekk qed isostni li soffriet preġudizzju minħabba li ma tħallitx tipparteċipa fil-proċeduri inkwistjoni u dan b'etriment għaliha u għall-familja tagħha.

**Punti ta' Liġi:**

Ir-rikorrenti rrikorriet għal dawn il-proċeduri peress li diversi liġijiet jagħtu importanza s-smiegħ tal-parti ċivili f'ċirkostanzi bħal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti. Għalhekk qed tikkontendi li nkissrulha d-drittijiet tagħha inkwantu ma ingħatatx smiegħ xierqa, li kellha interferenza indebita fil-ħajja privata tagħha u tal-familja u di piu' bil-mod kif kienu kondotti il-proċeduri li waslu għall-ħelsien mill-arrest tal-intimat Tawfik jikostitwixxu trattament inuman u degredanti.

Għalhekk ir-rikorrenti qed tinvoka il-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha tal-artikoli 36,39 u 44 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 3,6,8 u 13 tal-Konvenzjoni.

*Artikoli 39 u 6 tal-kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament.*

Huwa paċifiku bejn il-partijiet, li r-rikorrenti kellha status ta' parti leża jew offiża. Dan l-Istat huwa rikonoxxut minn Artikolu 6A tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi hekk:

*Azzjonijiet kriminali għandhom jiġu riżolti mingħajr dewmien mhux neċessarju, waqt li jitqies il-bżonn li jiġu protetti s-sigurtà u l-benesseri tal-parti leża* (emfażi tal-Qorti).

Dan ifisser, li l-parti leża għandha tkun imħarsa, huwa prinċipju ġenerali fil-proċedura kriminali, partikularment f'rejati kontra il-persuna, ennunċjat propju f'wieħed mill-artikoli tal-bidu ta' dan il-Kodiċi. Jirriżulta, li r-rikorrenti presentat nota fl-atti tal-proċeduri kriminali mertu ta' din il-Kawża, fejn talbet, li ai termini tal-artikolu tal-Kodiċi kriminali u kif ukoll ta' Kap 539 tal-liġijiet ta' Malta, tiġi ammessa bħala parte civile (ara a' fol 19 tal-process penali). Lanqas għalhekk ma għandu jkun iddubitat, li r-rikorrenti tikkwalfika għall-istat ta' vittma ta' rejat skond il-liġi.

Il-Qorti eżaminat diversi provvedimenti tal-liġi f'dan ir-rigward. Osservat, li ma hux ċar minn mill-Aġenti tal-Istat għandu d-dmir li jgħarraf lill-parti offiża, kull meta jitqanqal punt li jkun jirrigwardha direttament lilha, bħal każ li għandha quddiemha din il-Qorti. Dan għaliex, ġaladarba tkun ġiet aċċettata bħala l-parti fil-proċeduri, din għandha titħalla li tipparteċipa fil-proċess penali bid-drittijiet kollha li takkordalha l-liġi daqs kull parti oħra f'dawk il-proċeduri.

Di fatti, artikolu 410(1) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li *fil-każijiet li fihom l-Avukat Ġenerali jew il-Pulizija Eżekuttiva taġixxi fuq kwerela tal-parti offiza, il-kwerelant jista' jkun preżenti waqt is-smigħ tal-kawża, jista' jkun assistit minn avukat jew prokuratur legali, jista jagħmel eżami jew kontro-eżami lix-xhieda u jġib, biex isaħħaħ l-akkuża kull prova oħra li l-qorti jkun jidhrilha li tista' tinġieb skont il-liġi*.

Artikolu 6(2) tal-kap 539 tal-liġijiet ta' Malta jistipula b'mod ċar is-segwenti u ċioe' :

*"vittma għandha tingħata l-opportunità li tiġi notifikata, mingħajr dewmien mhux meħtieġ, meta l-persuna miżmuma f'kustodja, mixlija jew ikkundannata għal reati kriminali li jikkonċernaw dik il-vittma tinħeles jew tkun ħarbet mid-detenzjoni, u dwar kwalunkwe miżura relevanti maħruġa għall-protezzjoni tagħha f'każ ta' rilaxx jew ħarba tal-awtur tal-ksur". )Emfazi tal-Qorti)*

Regolament 20 tad-Direttiva 212/29 UE, adottata f'artikolu 4 tal-kap 539 jistipula b'mod ċar is-segwenti;

*Ir-rwol tal-vittmi fis-sistema tal-ġustizzja kriminali u l-possibbiltà li huma jieħdu sehem attiv fil-proċedimenti kriminali jvarja minn Stat Membru għall-ieħor, skont is-sistema nazzjonali, u jiġu ddeterminati minn wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:*

*jekk is-sistema nazzjonali tipprevedix status legali bħala parti għall-proċedimenti kriminali;*

*jekk il-vittma tkunx taħt rekwiżit legali jew tkun mitluba tieħu sehem attiv fil-proċedimenti kriminali, per eżempju bħala xhieda;*

*u/jew jekk il-vittma tkunx legalment intitolata skont il-liġi nazzjonali li tieħu sehem attiv fil-proċedimenti kriminali u tkun qed tfittex li tagħmel dan, fejn is-sistema nazzjonali ma tipprevedix li l-vittmi jkollhom status legali bħala parti għall-proċedimenti kriminali. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw liema minn dawk il-kriterji japplikaw biex jiġi ddeterminat l-ambitu tad-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva, fejn ikun hemm referenzi għar-rwol tal-vittma fis-sistema tal-ġustizzja kriminali rilevanti.* (Emfażi tal-Qorti).

Fid-dawl ta' dawn il-provvedimenti l-Qorti tibda biex tqies li r-rikorrenti f'dawn il-proċeduri qed tilmenta, li meta ngħatat is-Sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' Novembru 2019 li bis-saħħa tagħha ġie meħlus u rilaxxat l-intimat Tawfik, hi ġiet imċaħħda milli tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha minkejja li għandha *locus standi* fil-proċeduri, fil-kwalita' tagħha ta' parti offiża u din minkejja dak li jiddisponi l-artikolu 574A(4) tal-Kodiċi Kriminali. Ikun utli li jingħad x'jiddisponi dan is-sub artikolu:

"*Meta ebda wieħed mir-reati li jkunu qegħdin jiġu imputati ma jkun jikkonsisti f'xi reat imsemmi fl-artikolu 575(2) il-qorti għandha, wara li tisma lill-akkużat jew imputat kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, <u>tistaqsi</u> lill-uffiċjal prosekutur jew akkużatur dwar jekk huwa u l-Avukat Ġenerali u l-parti offiża, jekk ikun il-każ għandhomx xi jgħidu, bil-miktub jew xort'oħra, fuq il-kwistjoni tal-ħelsien mill-arrest tal-akkużat jew imputat, u dan l-ahhar imsemmi jkun jista' ukoll jagħti r-risposta tiegħu.*" (Emfażi tal-Qorti).

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax il-malti xejn feliċi li jintuża f'dan l-artikolu. Dan l-artikolu ma jagħtix risposta għat-tweġiba mill-Aġenti tal-Istat għandu l-obbligu li

jinnotifika lill-parti offiża biex tattendi għal dan il-process partikulari, fost oħrajn biex tkun tista' tattendi għas-seduta meta l-Qorti tisma' lill-akkużat. B'mod xejn ortodoss, il-liġi tipprovdi, li l-Qorti għandha tistaqsi *lill-uffiċjal prosekutur jew akkużatur dwar jekk huwa u l-Avukat Ġenerali u l-parti offiża, jekk ikun il-każ għandhomx xi jgħidu.* Iġifieri l-interess tal-parti offiża huwa senjalat bil-mezz medjat u mhux immedjat, fis-sens, li l-Qorti mhux lill-parti offiża tistaqsi, iżda lill-uffiċjal prosekutur jew akkużatur.

Din it-tip ta' proċedura tħalli li din Qorti xi ftit perplessa ta' x'għandu jsir proċeduralment, għaliex hija pjuttost opaka u ambivalenti. Jekk qatt, hija il-parti offiża li għandha twieġeb għal mistoqsija bħal dik u mhux il-prosekutur. Dan qiegħed jingħad, mhux biss għaliex l-interess tal-parti offiża huwa wieħed manifestament dirett iżda minħabba li inizjalment saħansitra pparteċipat fil-proċeduri fl-ewwel seduta meta ġiet trattata t-talba għall-ħelsien mill-arrest tal-akkużat ( a' fol 10).

Minn eżami tal-proċess kriminali, ma jirrisultax li saret il-mistoqsija mill-Qorti, kif jiddetta Artikolu 574A(4). Huwa minnu pero, li permezz ta' digriet tal-4 ta' Novembru 2019 l-Qorti ordnat, li r-rikors għall-ħelsien mill-arrest, jiġi notifikat lill-Avukat Generali. Notifika lir-rikorrenti qua parti offiża ma saritx u lanqas ġiet ordnata (ara a' fol 66). Fis-6 ta' Novembru 2019 l-Avukat ġenerali għamel risposta li oġġezzjona għat-talba ta' l-intimat Tawfik fejn fost oħrajn wieġeb hekk:

"*Illi barra minn hekk l-esponenti jsostni li hemm xhieda ohra, fosthom vittmi, li jridu jaghtu t-tesimonjananza taghhom b'dan tenut kont l-imgieba persekutorja*

*tal-imputat tezizisti l-biza ravvizata fil-artikolu 575(d) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta"*( emfażi tal-Qorti. A' fol 67).

Iġifieri, l-Avukat Generali attira l-attenzjoni tal-Qorti li kien ikun aħjar li r-rikorrenti tinstema' biex tkun tista' tagħti l-veduti tagħha u anke tagħmel is-sottomissjonijiet. B'dana kollu, jumejn wara r-risposta tal-Avukat Generali, b'digriet tas-6 ta' Novembru 2019 il-Qorti appuntat ir-rikors tal-intimat Tawfik għat-8 ta' Novembru 2019. F'dik is-seduta ma hemm xejn imnizzel li xi ħadd talab li tkun informata r-rikorrenti b'dawk il-proċeduri. Lanqas l-Qorti ma talbet li tinstema' ir-rikorrenti jew għamlet il-mistoqsija fuq imsemmija. Lanqas l-Avukat Generali ma vverbalizza li qabel ma l-Qorti tiddeċiedi għandha tisma' lir-rikorrent u minflok, fl-istess seduta, ingħata d-digriet, pjuttost eleborat, li permezz tiegħu l-intimat Tawfik ngħata il-ħelsien mill-arrest. Dan kollu sar ad insapunta tar-rikorrenti u meta saret taf informalment b'dak li ġara, ma kienitx taf x'laqatha.

L-ewwel ma jrid ikun determinat huwa l-punt, jekk dak li għandha quddiemha din il-Qorti jirrigwardax "*<u>decizjoni tad-drittijiet civili</u> u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali*". Mal-ewwel daqqa t'għajn, l-ewwel rejazzjoni għal din it-tweġiba hija fin-negattiv. Imma, il-provvedimenti kollha tal-liġijiet fuq imsemmija huma kollha konkordi, li r-rikorrenti bħala parti offiża u anke vittma, għandha tkun taf u anke tistema' fi proċeduri bħal dawn. Allura xi jfisser, jekk dawn il-liġijiet ma jkunux osservati fir-rigward tad-drittijiet tar-rikorrenti, mill-ottika ta' drittijiet kostituzzjonali? Jekk wieħed miż-żewġ prinċipji tal-ġustizzja naturali, dak tal-*audi alterma partem* ma jiġix osservat, partikularment jekk ikun rikjest

mill-liġijiet speċjali, xorta jista' jingħad li ma hemm ebda ksur tad-dritt fundamentali tal-Bniedem kif imħares minn artikoli 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament?

Fil-każ ta' sitwazzjoni fejn ukoll kien hemm l-interessi tal-parti offiża fi proċeduri kriminali, l-ECHR osservat hekk:

*"Whether or not a right is to be regarded as civil within the meaning of that term in the Convention must be determined by reference not only to its legal classification but also to its substantive content and effects under the domestic law of the State concerned. Moreover, the Court, in the exercise of its supervisory function, must also take account of the object and purpose of the Convention".* (Ara **Perez -vs- Franza tat-12 ta' Frar 2004**).

Dawn is-Sentenzi jirrigwardaw l-aktar, sitwazzjonijiet fejn il-parti offiża tkun qiegħda tfittex għal kumpens. Ir-ragunament tal-ECHR huwa fis-sens li għandek interessi konkomittanti: dawk ta' natura ċivili u dawk Kriminali. Għalhekk f'dan is-sens, jista' jkollok il-każ fejn il-parti offiża jkollha id-drittijiet ċivili x'tipproteġi bil-konsegwenza li anke jekk mhux fil-proċeduri attwali, jista' jkun hemm determinazzjoni ta' dritt u obbligi ċivili li jkollu rifless fuq drittijiet ċivili oħra fi proċeduri oħrajn.

Għalkemm irid jingħad li simili għall-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ECHR ma hemm xejn xi jżomm lill-Qorti Kriminali milli tapplika ukoll id-danni morali prospettati taħt artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali oltre' l-piena stabbilita mill-liġi, liema danni huma meqjusin mill-istess artikolu bħala kreditu tant li jiddisponi li

"*L-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili".* Iġifieri daqs li kieku wieħed minn dawk taħt artikolu 253 tal-istess Kodiċi.

Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti hemm punt ieħor li għandu jkun ikkunsidrat. Ir-rikorrenti qed tfittex paċi u stabbilita' f'ħajjitha u għall-familja tagħha. Dritt li jingħata minn artikolu 2 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li l-liġi tippromwovi l-għaqda u l-istabbilità tal-familja. Indubbitatment dan huwa dritt dritt ċivili li ġie efettwat bir-rilaxx ta' Tawfik. Jidher li l-intimat Tawfik, b'għemilu qiegħed jiddistabilizza ħajjet ir-rikorrenti u tal-familjari tagħha, partikolarment tal-ulied. Li ma kienx hekk, ma kien jinħareġ ordni ta' protezzjoni kontra tiegħu. Għalhekk il-kwistjoni jekk kellux jingħata il-ħelsien mill-arrest, hija kwistjoni li tolqot lir-rikorrenti fil-laħam il-ħaj.

Kif aċċennat aktar 'l fuq, id-diversi liġijiet u regolamenti ewropew jisħqu li f'sitwazzjoni simili r-rikorrenti kellha kull dritt li tkun infurmata b'dak li kien għaddej. Korrollarju għal dan huwa l-prinċipju l-ieħor ta' parita' ta' armi u ċioe' "equality of arms". La darba r-rikorrenti ġiet ammessa biex fil-kwalita' tagħha ta' parti offiża tipparteċipa fil-proċeduri, sa fejn jirrigwarda dak li ġara, hi sabet lilha innifisha f'posizzjoni svantaġġjata meta ċċaħdet milli issemma' leħinha u sar smiegħ minn wara darha f'materja li tinteressha direttament u meta kienet ukoll munita mill-liġi bid-drittijiet proċedurali kollha.

F'dan ir-rigward intqal li *"It is inadmissible for one party to make submissions to a court without the knowledge of the other and on which the latter has no opportunity to comment. It is a matter for the parties alone to assess whether a*

*submission deserves a reaction*"( Ara **Sentenza fl-ismijiet Üldözötteinek Szövetsége u oħrajn -vs- Hungary, § 42**).

Dan ġie ritenut ukoll minn **Andrew Grotian fil-ktieb tiegħu Article 6 of the European Convention on Human Rights**:

*The Right to a Fair Trial rigward l-Artikolu 6 jsostni kif isegwi: 'The most established right added to Article 6(1) is the principle of the equality of arms. This is important to 17 understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6(1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent.'*

Huma tal-istess fehma **Harris, O'Boyle and Warbick fil-ktieb tagħhom Law of the European Convention on Human Rights** illi:

'*The right to a fair hearing supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle, which applies to civil as well as criminal proceedings requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent. In general terms, the principle incorporates the idea of a fair balance between the parties.'*

Tqum il-kwistjoni l-oħra ta' min kellu jinforma lir-rikorrenti b'dawn il-proċeduri. Ir-risposta hija naturali, minn kull min huwa aġent tal-Istat. Dan l-obbligu jaqa' kemm fuq il-prosekuzzjoni u anke l-Avukat Ġenerali. Finalment huma f'dawn il-

proċeduri dawn huma l-istituzzjonijiet li qiegħdin jirrapresantaw lill-kollettivita’ u propju għalhekk artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali fuq imsemmi. Dan l-artikolu jindirizza kemm lill-prosekuzzjoni u anke lill-Qorti. Il-Qorti ukoll kellha tordna notifika lill-parti offiża b’dawn il-proċeduri, għalhiex kienet konsapevoli bl-interess ovvju li kellha il-parte offiża. Il-minimu li seta’ sar hu, li meta ordnat li r-rikors għall-ħelsien mill-arrest innotifikatu ukoll lir-rikorrenti u mhux lill-Avukat Ġenerali biss.

Iżda bil-proċeduri odjerni r-rikorrenti qed tindirizza l-ilmenti tagħha kontra l-aġir tal-intimati u mhux tattakka xi parti tal-liġi per se’. Għal dan il-għan, id-Direttur tal-Qrati ma hux parti għal dawn il-proċeduri biex ikun jista’ jwieġeb għal għelt amministrattiv u l-Avukat Ġenerali jirrapresenta lill-Istat u lill-kollettivita’ fi proċeduri ta’ natura kriminali.

Hija l-fhema ta’ din il-Qorti li l-Avukat Ġenerali, għalkemm għamel sewwa li wieġeb kif wieġeb fir-risposta tiegħu, kien ukoll dmiru, mhux biss li jgħid li r-rikorrenti kellha tinstema’ iżda li ukoll **jinsisti** li għandha tinstema’, ħaġa li ma għamilx fis-seduta li tħalliet għas-smiegħ. Talinqas ma hemm ebda verbal fl-atti fejn jirrisulta li nsista, li qabel ma il-Qorti tiddeċiedi r-rikors, tisma’ lir-rikorrenti dan anke in mankanza tal-fatt, li l-Qorti ma għamiltix il-mistoqsija lill-prosekuzzjoni kif jiddetta l-artikolu 574A(4) tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk f’dan ir-rigward l-Avukat Ġenerali naqas.

<u>Artikoli 36 u 3 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament.</u>

Dawn huma żewġ artikoli li jħarsu lill-individwu minn tortura, trattament degradanti u inuman.

Ma hemm ebda dubbju li dak li għandha quddiemha l-Qorti żgur ma jammontax għall-tortura. Dan l-għemil jippresupponi l-appilkazzjoni ta' atti li jwasslu għal uġiegħ intensiv fisiku jew mentali. It-tortura, fiha nnifisha hija ta' natura korporali li kemm litteralment u anke metaforikament tolqot fil-laħam il-ħaj id-dinjita'u inkomulita' fiżika tal-persuna.

Il-konvenzjoni ma tipprovdix definizzjoni iżda skont artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Ġnus Maqgħuda "*the term torture means any act by which severe pain or suffering, whether physical or mental, is intentionally inflicted on a person for such purposes as obtaining from him or a third person information or a confession, punishing him for an act he or a third person"* (Ara ukoll **Ireland -vs- the United Kingdom 18 ta' Jannar 1978 )**. Minn eżami tal-fatti kif jemerġu fil-kawża, il-Qorti teskludi għal kollox li dan huwa l-każ.

L-anqas ma jista' jingħad li din il-Qorti għandha quddiemha trattament inuman. Dan it-trattament ġie definit mill-ECHR: *"inhuman" because, inter alia, it was <u>premeditated</u>, was applied for hours at a stretch, and caused either actual bodily injury or intense physical and mental suffering. Many instances of inhuman treatment arise in the context of detention, where victims have been subjected to ill-treatment which has been severe, but not of the intensity required to qualify the treatment as torture."* ( Emfażi tal-Qorti. Ara **Selçuk and Asker v. Turkey, judgment of 24 April 1998, ECHR 1998-II, p. 19, §78; Dulas v. Turkey,**

**judgment of 30 January 2001, §55; Bilgin v. Turkey, 16 November 2000, §10**). Il-Qorti wara li qieset il-provi ma tistax tasal għal konklużjoni li quddiemha għandha trattament inuman. Il-Qorti tirrkonoxxi, li kien nuqqas il-mod kif ġiet amministrata l-vertenza u li tassew wassal għall-preokupazzjoni ġustifikata tar-rikorrenti, iżda bl-ebda tiġbid tal-immaginazzjoni ma jista' jingħad li dak li ġara kien pre-meditat.

Minn naħa l-oħra trattament degradanti ġie definit mill-ECHR bħala *" is that which is said to arouse in its victims feelings of fear, anguish and inferiority, capable of humiliating and debasing them. This has also been described as involving treatment such would lead to breaking down the physical or moral resistance of the victim, or as driving the victim to act against his will or conscience."* (Ara fost oħrajn **Tekin vs-Turkey judgement of 9 June 1998, ECHR 1998-IV, §52**). Għal darba oħra, il-Qorti ma għandha ebda dubbju li r-rilaxx tal-intimat Tawfik ħoloq stress u tensjoni kbira fir-rikorrenti. Iżda dan ma hux biżżejjed biex il-Qorti tasal għall-konklużjoni li minħabba l-għemil tal-Qorti u tal-Avukat Ġenerali kien **maħsub** biex jumilja jew ibaxxi lir-rikorrenti. Li jagħmel għemil degradanti mhux biss kif iħossu l-individwu li jilmenta, iżda li dak l-għemil kien propju maħsub biex joħloq dawk l-effetti fl-individwu. Il-Qorti ma għandha xejn fl-atti li jindika dan.

*<u>Artikolu 8 tal-Konvenzjoni</u>*

Dan l-artikolu jiddisponi is-segwenti:

*1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.*

Biex ikun hemm ksur ta' dan id-dritt fundamentali, irid l-ewwel ikun hemm indħil fil-ħajja privata jew tal-familja, tad-dar u korrispondenza. Minn dak li għandha quddiemha din il-Qorti ma hemm xejn minn dan. Il-Qorti f'ebda ħin ma tat xi deċiżjoni li tirrigwarda xi drittijiet li għandha r-rikorrenti f'xi waħda mill-istanzi elenkati fl-ewwel sub-artikolu inkwistjoni. Trid issir distinzjoni bejn l-effetti emottivi li ħasset ir-rikorrenti bid-deċiżjoni nkwistjoni u l-effetti sostantivi ta' dik id-deċiżjoni fuq id-drittijiet ċivili tagħha inkwantu fil-każ odjern jirrigwardaw il-familja u d-domiċilju.

Il-Qorti Kriminali, ma tat ebda deċiżjoni li jolqtu dawn id-drittijiet. Il-biżgħa waħedha, li l-intimat Tawfik kien ħieles jiġri barra ma jammonta qatt għal dan l-indħil u interferenza kif irid l-artikolu 8. Lanqas ma l-Qorti effettwat l-ordni ta' protezzjoni għaliex dan għadu hemm. Ara li kieku l-Qorti Kriminali effetwat din l-ordni mingħajr ma semgħet lir-rikorrenti ad insaputa tar-rikorrenti. F'dak il-każ wieħed seta' jikkontempla xi ksur ta' dan l-artikolu. Iżda dan mhux il-każ. Ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li l-intimat Tawfik ser jibqa' in perpetwita' maqful,

ghaliex ghalkemm l-akkużi li qed ikun addebitat bihom huma serji, lanqas ma huma tali li jiggarantulha li qatt ma hu ser ikun ħieles.

*Artikolu 13*

Trid tinżamm distinzjoni bejn il-ksur tad-dritt *per se* u r-rimedju effettiv. Il-Qorti tirrileva li taħt il-Konvenzjoni, id-drittijiet fundamentali huma trattati f'artikoli mod mentri dak r-rimedju effettiv huwa konċepit fl-artikolu 13 tal-konvenzjoni. Taħt il-Kostituzzjoni ma hemmx artikolu korrispondenti għal dak tal-Konvenzjoni għalkemm illum l-ermenautika ġurisprudenzjali lokali tirrikonnoxxi li rimedju bil-karatteristiċi legali kollha żvillupati mill-ECHR huwa element sine qua non jekk ma rridux li d-drittijiet f'kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni u dawk konvenzjonali ma jkunux biss jesistu fit-tejorija. F'dan ir-rigward intqal, li "Article 13 cannot be read as requiring the provision of an effective remedy that would enable the individual to complain about the absence in domestic law of access to a court as secured by Article 6 § 1" (ara **Sentenza tal-ECHR fl-ismijiet Yassar Hussain -vs- the United Kingdom, 2006, § 26**).

Fi ftit kliem, ir-rimedju effettiv huwa biss konsegwenza ta' ksur ta' dritt u mhux wieħed minn dawk id-drittijiet li jiġu miksura. Jinkiser artikolu 13 jekk Qorti ma tagħtix rimedju fejn jkun hemm bżonn li jingħata. Di fatti dan ir-rimedju ser ikun qiegħed jingħat f'din is-Sentenza.

**Decide:**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba b'mod limitat** billi issib ksur tal-Artikoli 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament u tirriġettha inkwantu t-talba saret abbażi tal-artikoli l-oħra imsemmija tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.

**Tilqa' it-tieni talba rikorrenti** billi tordna lill-Qorti Kriminali taċċerta li żżomm lir-rikorrenti infurmata b'kull smiegħ li jkun hemm fil-kawża kriminali kontra l-intimat Tawfik.

**Tilqa' it-tielet talba** billi tillikwida bħala kumpens non pekunjarju, l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) li għandu jitħallas mill-intimat Avukat Ġenerali, li qiegħed jiġi hekk kkundannat biex iħallas dan l-ammont bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri a' karigu tal-Avukat Ġenerali.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**